MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Numru 142/2004

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma)
vs
Carmelo Muscat, iben Francis,
imwieled Pieta’ fit-18 ta’
jannar, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fit-2 ta’ jannar, 2004 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin minnu, anki jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, b’mezzi kontra l-liġi –
1. għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi

wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
3. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor speċifikatament il-Gvern ta' Malta;
4. talli saq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAP 168, mingħajr ma din l-istess vettura kienet liċenzjata biex tintuża fit-triq u mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni għal riskji lejn terżi;
5. talli fit-2 ta' jannar, 2004 f'dawn il-Gżejjer wara li seħħet kollizzjoni bejn il-vettura misjuqa minnu, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAP 168, u il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni SAR 007, misjuqa minn Sarah Marie Bonello, naqas milli jagħti il-particulars tiegħu lill-persuna l-oħra;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika lil Carmelo Muscat milli jkollu jew jottjeni kull tip ta' liċenzja tas-sewqan għal dak il-perjodu ta' żmien li jidhirlha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' marzu, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas id-danni kollha lil Bartholomeo Bartolo.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' marzu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kkontra tiegħu.  Rat l-artikoli 183, 184 u 308 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin (Lm300).  Minbarra dan, tordna l-iskwalifika tal-liċenzji kollha tas-sewqan ta' l-imputat għal żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------